# Fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili
# Onor. Miriam Hayman
# Imhallef

**Rikors Guramentat Nru: 495/20MH**

**Grand Harbour Marina p.l.c (C 26891)**

**Vs**

**Kuraturi Deputat Dr Charmaine Cherrett u l-PL Maddeleine Firman mahtura b'digriet tat-30 ta' Settembru, 2020 sabiex jirraprezentaw lill-Bastiment M/Y Nautonnier bin-numru ufficjali 10226 u Call Sign 9H8367**

**Illum 28 ta' Lulju, 2021**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjeta' Grand Harbour Marina p.l.c (C 26891) fejn ġie premess illi:-

1. *Fis-sena 2005 is-soċjeta' rikorrenti kienet ġiet ikkuntrattata sabiex tipprovdi servizzi ta' irmiġġ (berthing) lill- bastiment intimat ġewwa il-marina operata mill-istess soċjetà. F'dan ir-rigward ġie iffirmat kuntratt ta' rmiġġ (berthing licence) li kien baqa' jiġġedded sa ma' ġie ffirmat l-aħħar kuntratt għall-perjodu sa Jannar 2019 (il-"***Kuntratt***", kopja hawn annessa bħala '***Dok.A***').*

2. *Wara dan iż-żmien, il-bastiment intimat baqa' rmiġġjat fil-marina tas-soċjeta' rikorrenti u, għalkemm il-Kuntratt ma' reġaxa ġie mġedded formalment, wara numru ta' talbiet ta' ħlas is-soċjeta' intimata rċeviet, u aċċettat, il-ħlas għas-servizzi tagħha sal-perjodu tal-31 ta' Jannar 2020 ai termini tal-kundizzjonijiet tal-Kuntratt.*

3. *Wara l-31 ta' Jannar tas-sena 2020, għalkemm is-soċjeta' esponenti ppruvat ġġedded ir-relazzjoni kuntrattwali, dan ma sarx u twaqqaf kull pagament lis-soċjeta' rikorrenti. Addizzjonalment, il-bastiment baqa' rmiġġat fil-marina sa llum il-ġurnata u s-soċjeta' rikorrenti għalhekk għadha sal-lum tinkorri spejjeż għall-preservazzjoni tal-bastiment (inkluż berthing fees u servizzi ta' dawl u ilma). Mhux hekk biss iżda s-soċjeta' rikorrenti ma tistax tuża l-ispazju tal-irmiġġ għal klijenti oħra tagħha.*

4. *Minkejja diversi talbiet għall-ħlas, sal-lum il-ħlas baqa' ma sarx. Fil-fatt, is-soċjeta' rikorrenti għamlet diversi tenattivi kemm informali kif ukoll formali sabiex jiġi estiż il-ftehim ta' rmiġġ wara l-perjodu ta' Jannar 2020 kif ukoll biex titlob il-pagament dovut lilha. Is-soċjeta' kkuntattjat ukoll lis-sidien tal-bastiment intimat sabiex tinnotifikahom bis-sitwazzjoni u talbithom ukoll li jieħdu lura l-bastiment ladarba dan kien tħalla fil-marina mingħajr ma ħadd kien qed iħallas għall-ispejjeż tiegħu. L-aħħar korrispondenza ntbagħtet fl-14 ta' Marzu u hija hawn annessa u mmarkata bħala '**Dok.B**'. Pero' s-soċjeta' rikorrenti ma rċeviet l-ebda risposta mill-partijiet ikkuntattjati;*

5. *Għaldaqstant is-soċjeta' rikorrenti ma kellha l-ebda għażla ħlief li tibda dawn il-proċeduri;*

6. *In vista tas-suespost, is-soċjeta' rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

   i. *Tiddikjara li l-bastiment intimat huwa responsabbli għall-ħlas tal-ispejjeż konsistenti f'berthing fees u servizzi għal dawl u ilma sa mill-1 ta' Frar 2020 u li għaldaqstant il-bastiment hu debitur favur is-soċjeta' Grand Harbour Marina p.l.c sa mill-1 ta' Frar 2020; u*

   ii. *Tillikwida l-ammont dovut lis-soċjeta' rikorrenti sa mill-1 ta' Frar 2020;*

iii. *Tikkundanna lill-bastiment intimat iħallas lis-soċjeta' rikorrenti s-somma hekk likwidat u dan oltre imgħaxijiet sad-data tal-pagament effettiv;*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-mandati ta' arrest ta' bċejjeċ tal-baħar ippreżentat kontestwalment, u bl-imgħaxijiet sad-data tal-effettiv pagament kontra l-bastiment intimat.*

Rat li debitament notifikat l-istess rikors l-konvenuti deputati kuraturi rrispondew[1] illi ma kienux edotti mill-fatti salv li jipresentaw eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-provi kollha prodotti mill-attriċi senjatament l-affidavit[2] ta' Gordon Vassallo li spjega sew il-lanjanza ta' l-attriċi fil-konfront tal-bastiment konvenut u kif dan ġie mitluq fil-marina bil-konsegwenzi ta' spejjez ġornaljeri nkorsi kif spjegat u l-perikoli u diffikultajiet li bastiment hekk abbandunat u stazzjonarju għal żmien twil iġib miegħu[3]. Spjega sew l-ispejjez kontinwament inkorsi mill-istess soċjeta' attriċi a favur l-istess bastiment għal serviżżi ta' *berthing* u *utilities*[4] kif hemm dokumentat[5] dawn għal perjodu mill-1 ta' Frar, 2020 sa 10 ta' Jannar, 2021 li kienu jammontaw għas-somma ta' tlieta u disgħin elf u tlieta u għoxrin ewro u ħmistax il-ċenteżmu, €93, 023.15.

Qieset id-dokumenti kollha miġjuba u tara lli t-talbiet kif dedotti jimeritaw li jiġu milqugħa fit-totalita' kollha tagħhom.

Konsegwentement tiddikjara lli l-bastiment intimat huwa responsabbli għall-ħlas tal-ispejjez konsistenti *f'berthing fees* u serviżżi tad-dawl u ilma sa mill-1 ta' Frar, 2020 u konsegwentement il-vapur intimat huwa debitur favur is-soċjeta' Grand Harbour Malta p.l.c mill-1 ta' Frar, 2020.

---

[1] Folio 37
[2] Folio 40
[3] Tant li l-istess attriċi b'rikors talbet anke il-premess ta' din il-Qorti biex tressaq il-bastment f'irmigg ieħor minħabba ragunijiet spjegati fir-rikors tas-16 ta' Marzu, 2021 folio 118.
[4] Fost oħrajn dawl u ilma
[5] Ara dokumenti GV1 sa GV7 folio 43 sa 116

Tillikwida is-somma  dovuta lil-attriċi sa mill-1 ta’ Frar, 2020 fis-somma ta’ tlieta u disgħin  elf u tlieta u għoxrin ewro  u ħmistax il-ċenteżmu, €93, 023.15.

Tikkundana lil bastiment intimat iħallas is-somma hekk likwidata’  ta’ tlieta u disgħin  elf u tlieta u għoxrin ewro  u ħmistax il-ċenteżmu, €93, 023.15 lil attriċi oltre għal imgħaxijiet dovuti sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez a karigu tal-intimat bastiment.

**Onor. Miriam Hayman**
**Imhallef**

**Victor Deguara**
**Dep Reg**